MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 875/2008

**BANK OF VALLETTA p.l.c (C-2833)**

**vs**

Dr Anthony **CUTAJAR** LL.D., u l-P.L. Victor Bugeja li b'degriet tas-17 ta' April, 2008, inhatru Kuraturi Deputati sabiex jidhru ghall-assenti Gaetano Zammit.

Il-Qorti**,**

Rat ir-Rikors Mahluf imressaq fit-28 ta' Awissu, 2008 li bih is-socjeta' attrici, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u

hawn esebit bhala Dokument “A” u “B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Gaetano Zammit (a) naqas milli jhallas il-pagament dovuti lis-socjeta’ mittenti kuf stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Gaetano Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

2. Tikkundanna lil Gaetano Zammit jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmienja u hamsin elf, tliet mija u hamsa u tletin Ewro u tmien centezmi (€58,335.08) bilanc ghad-debitu fil-*“Loan u l-Overdraft Accounts*” ta’ Gaetano Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. “C1 sa C4”, Dk. “D1 sa D43”, Dok. “E1 sa E2”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-15 ta’ Lulju 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Rat it-Twegiba Mahlufa mressqa mill-Kuraturi Deputati fis-16 ta’ Settembru, 2008, li biha qalu li, f’dak l-istadju, ma kienu jafu xejn dwar il-kaz;

Rat il-verbal tas-smigh tal-11 ta’ Novembru, 2008, u b’mod partikolari d-dikjarazzjoni tal-Kuratur Deputat Dr. Cutajar dwar kuntatti li huwa rnexxielu jaghmel mal-patrocinat tieghu;

Rat in-nota mressqa waqt is-smigh tal-lum mill-konvenut Kuratur Deputat *nomine* li biha ammetta it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut it-talbiet dedotti fir-Rikors jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi :

1. **Tilqa’ l-ewwel talba tas-socjeta’ attrici** kif dedotta fir-Rikors Mahluf u tiddikjara li sehhew kundizzjonijiet li

jaghtu jedd lill-istess kumpannija attrici li titlob minnufih il-hlas minghand l-imharrek;

2. **Tilqa' t-tieni talba attrici** u tikkundanna lill-imharrek ihallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' tmienja u hamsin elf tliet mija u hamsa u tletin euro u tmien centezmi (€ 58,335.08) bhala bilanc ghad-debitu fil-*"Loan and Overdraft Account"* bl-ispejjez kontra l-konvenut, u bl-imghaxijiet legali ulterjuri fuq l-imsemmija somma b'sehh mill-15 ta' Lulju, 2008 sal-jum tal-hlas effettiv, b'dan li d-drittijiet tal-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-kumpannija attrici.

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------